TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 465/10

**Josephine Ellul**
**vs**
**Mr Dario Azzopardi – Three Computer Repairs**

Illum 31 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' erba' mija u ħamsa u disgħin ewro (€495), rappreżentanti prezz ta' *computer tower* ġdid peress li l-antik, l-intimat kien ħassru.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kellha l-ħsara fil-kompjuter u qabdet lill-intimat sabiex ibiddel l-*antivirus* u wara li għamel dan offrielha li jbiddel ir-RAM u wara li għamel dan tħassar il-kompjuter. Illi wara ħaditu għand Scan Computer Centre, fejn tawha parir illi marru ħafna affarijiet u li ma kienx vijabbli jissewwa u għalhekk ir-rikorrenti xtrat *computer tower* ġdid.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta, minkejja li saru diversi tentattivi.

Kif ukoll it-Tribunal, jinnota illi l-intimat kien għadu ma ssottomettiex risposta bil-miktub għal din it-talba.

It-Tribunal qed jemmen il-verżjoni tar-rikorrenti, pero' t-Tribunal iħoss illi r-*replacement value* tat-*tower* ma jistax ikun għall-prezz ta' wieħed ġdid.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte u jordna lill-intimat iħallas l-ammont ta' tliet mitt ewro (€300), bl-ispejjeż kontra l-istess intimat, u inklużi l-ispejjeż tal-posta u ta' l-Affissjoni.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE (+356) 21227070. FAX (+356) 21239888